**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

**IL-HAMES LEGISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGHA TAL-KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU 6 – IL-ĦAMIS 24 TA' ĠUNJU 2010 FIS 7:00PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill

Prezenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Vici Sindku |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Michael Portelli | Segretarju Ezekuttiv |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tal-laqgħa ta Mejju inqraw u ġew approvatti mill-Kunsill.

## 2. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

Fuq pagament 13,55 u 84 mil-lista tat tieni nofs tax-xahar ta Mejju is-Sindku semma biex dawn jiġu ċċekkjatti il-għala kien hemm dawn l-ammonti.

Is-Sindku semma wkoll biex l-ispejjeż relatati ma Military Mtarfa jiġu maqsumin għalihom fuq spreadsheet separata. B dan il-mod il-Kunsill ikollu rendikont dettaljat. Is-Segretarju wieġeb li din kien diġa bdieha u kien qed ikompli jaġġorna fuq dak li kien hemm preżenti.

Mil-lista ta Ġunju wkoll kien hemm xi pagamenti fil-lista fejn is-Sindku talab biex dawn jiġu ċċekjatti. Dan huwa numru 23.

## 3. TENDER WEBSITE

Is-Sindku semma li hu, il-Kunsillier Antoine Vella u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqaw ma Clyde Meli li huwa wieħed min dawk li tefgħu l-offerta tagħhom għat tender tal-website.

Il-kunsillier Antoine Vella semma li bħala persuna huwa bniedem ġenwin u li fil-laqgħa li saret miegħu huwa spjega kif kien se jagħmel ix-xogħol. Huwa semma li bħala xogħol għandu jitlestilu materjal li jieħu siegħa xogħol u dan jitħallas € 15 bis-siegħa.

Is-Sur Meli. kien spjega li bħala xogħol t uploading mhux kollu jieħu l istess ħin peress li hemm differenza bejn il-formats. Bħala program huwa se jkun qed juża l-Wordpres biex jagħmel dan ix-xogħol. Id-daqs tal-website se jkun ta 400 mb li huwa daqs kbir.

Il-kunsillier Antoine Vella kien saqsa fil-laqgħa kif il-Kunsill se jkun possibli għalih biex jkun kapaċi jara x għandu jiġi *published* jew le fil-website qabel m eventwalment issir. Is-Sur Meli wieġeb li hu se jagħmel partijiet mil-website li qabel ma jkun murija dawn ikunu ristretti biex b' hekk il-Kunsill ikun jista jiċċekjahom. Huwa lest li jgħallem lil xi persuna biex tkun tista tagħmel ix-xogħol tal-uploading hija stess min ġol-Kunsill, peress li l-program huwa user friendly ħafna.

Is-Sur. Meli semma wkoll li jista jagħmel grupp tal-Facebook li jkompli jxerred il-popolarita tal-Kunsill peress li hemm ħafna nies li huma parti mill-Facebook. Il-persuni preżenti għal din il-laqgħa għoġbithom din l-idea.

Il-Kunsillier Antoine Vella semma li l-Mtarfa għandha ġemellaġ ma Arvidsjaur fi Sweden u bħala nies ta din il-lokalita jinteressahom xi jkun qed jiġri ġewwa l-Mtarfa. Huwa ssuġġerixxa li jkun hemm paġna bil-lingwa Svediża. Is-Sur. Meli wieġeb li din teħodlu aktar ħin imma kien lest li jagħmilha mingħajr ma jċaqlaq il-prezz.

Il-Kunsill għalhekk iddiskuta fuq l-informazzjoni li ingħatat min din il-laqgħa li saret aktar qabel ma Clyde Meli. Wara d-diskussjoni ra li din kienet l-aktar offerta vantaġġjuża u għażel li jieħu s-servizz tiegħu.

## 4. AUDIT REPORT

Is-Segretarju semma li l-Kunsill kien sarlu l-Audit aktar kmieni din is-sena mit 3a Accountants. Wara li sar dan l-Audit ħareġ Audit Report u fuqu saret reply lil Audit Report. Is-Segretarju fakkar li meta sar dan l-Audit Report sar fuq perjodu meta hu ma kiex qed jaħdem ma dan il-Kunsill Lokali.

Is-Segretarju spjega il-punti ewlenin u kruċjali ta dan ir-rapport. Fosthom l-awdituri semmew fuq il-fatt li kien hemm dħul li mhuwiex dokumentat. Is-Segretarju semma li dan id-dħul kienu fondi li l-Kunsill kien applika għalihom u meta dawn ingħataw ma kienx hemm dokumentazzjoni fuqhom.

l-awdituri semmew ukoll li bħala Kunsill ma kienx qed joħroġ irċevuta kull darba li jkun hemm dħul (bħal permessi ta cranes jew fondi). Is-Segretarju semma li

irċevuta kienet qed toħroġ regolari u li ma kienx hemm kien min dħul bħal fondi etc. Ta din se jkun qed iqis li darb oħra issir irċevuta meta jkun hemm dan it-tip ta dħul. Punti oħra kienu fuq ir-riżorsi umani tal-Kunsill fejn l-awdituri semmew li ma kienx hemm qbil bejn il-formoli tal-FSS fl-aħħar tas-sena. Is-Segretarju wieġeb li se jkun qed iqis li jkun hemm reconciliation bejn il-formoli. Huma semmew ukoll li kien hemm xi kuntratti tal-ħaddiema li ma kinux preżenti imma dawn qegħdin bħalissa fil-proċess.

L-awdituri semmew ukoll biex issir iktar emfasi fuq il-ġbir tal-irċevuti tal-VAT. Dan se jkun qed issir billi dawk li inxtraw xi affarijiet mingħandhom se jingħataw ċempila jew reminder biex jippreżentaw irċevuta fiskali.

L-awdituri semmew biex ikun hemm il-proċeduri tal-kwotazzjonijiet meta n-nefqa tkun aktar min dik li hemm stipulata fil-Ligi dwar il-Kunsill Lokali. Is-Segretarju wieġeb li din diġa qed issir u se jkompli ssegwi l-proċeduri biex ikun konformi mal-Liġi.

L-awdituri semmew il-bżonn li jkun hemm Fixed Assets Register biex b' hekk il-propjeta kollha tal-Kunsill Lokali tkun imniżżla fih. Bis-saħħa tal-Fixed Assets Register l-Insurance Policy tal-Kunsill tkun tista tiġi riveduta u tinkludi kollox. Is-Segretarju semma li s-software biex ikun jista jsir dan ir-Reġistru hemm bżonn li jerġa jsir u dan jinbena mil-ġdid u jiġi aġġornat kull meta il-Kunsill jixtri xi ħaġa ġdida.

Issemma ukoll li mhux qed issir id-depożitu tal-flus il-bank min tal-inqas darbtejn fil-ġimgħa. Fuq dan is-Segretarju qal li m hemmx għalfejn li dan issir aktar min darba peress li mhux qed ikun hemm frekwenza kbira ta depożiti li qed issiru l-Kunsill.

Kien hemm ukoll xi affarijiet oħra li huma relatatti mal-preżentazzjoni tal-Accounts tal-Kunsill. Fuq dawn peress li jifformola l-Accounts is-Sur. Patrick Caruana spjega l-affarijiet skont ix-xogħol tiegħu.

Is-Sindku iffirma r-risposta tal-Management Report biex b' hekk jkun jista jintbagħat lil Awditur Ġenerali.

### 5. RIŻULTAT MILITARY MTARFA

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono saqsa kemm ġiet tiswa Military Mtarfa. Is-Segretarju semma li s' issa l-ispiża telgħet madwar € 22,000 u jonqos li jaslu xi invoices oħra. Is-Sindku semma li hemm diversi dħul li daħlu min entitajiet li taw sponsor fuq Military Mtarfa u stalls li ramaw dakinhar ta Military Mtarfa.

Is-Sindku wera ix-xewqa li ssir post mortem tal-attivita tal-Military Mtarfa, għalhekk se jkun qed jistieden lil dawk kollha li taw sehem b' mod jew ieħor biex jara l-opinjoni tagħhom. Fuq din il-kunsilliera preżenti qablu biex din issir.

Kien hemm ukoll xi kunsilliera li resqu xi kritika fuq dak li semgħu u raw dakinhar tal-attivita, fosthom kien hemm min semma biex dakinhar issir mappa ta fejn ikunu qegħdin issiru l-attivitajiet.

Is-Sindku semma li din is-sena kien hemm il-PA system u anki tabelli li saru apposta għal din l-okkażżjoni. Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono semma wkoll li kien hemm pa system li setgħet intużat imma ma sarx użu minhom.

Is-Sindku semma wkoll li din is-sena l-ħinijiet tal-Ħadd kellhom jinbidlu peress li l-Prim Ministru ma setax jattendi qabel għax kellu konferenza l-Ħadd filgħodu.

Il-Kunsillier Antoine Vella semma li l-karozzi li kienu għal wiri fejn it-Torri tal-Arloġġ kienu jkunu isbaħ kieku kellhom jkunu armati fil grounds tal-iskola sekondarja. Il-Kunsillier semma wkoll li lejn l-aħħar tal-attivita it-trasport li kien hemm tal-Park and Ride ma kienx daqshekk komdu għan nies li kienu qed jagħmlu użu minnu peress li kienu qed jitħallew ħafna ħin jistennew. Il-Kunsillier semma wkoll li kien tal-idea li darb oħra meta jkun hemm il-bejjiegħa dawn jiġu mqassmin f sezzjoni għalihom fejn ma jkunux qegħdin fl istess post fejn ikunu qed issiru l-attivitajiet tal-Military Mtarfa.

Issemma wkoll li l-eżibizzjoni li kien hemm tal-AMACS miftuħa għall pubbliku kien hemm xi nies li żammew il-flus lil pubbliku meta dawn ma kellhomx iżommu l-flus. Is-Sindku wieġeb li hu kien konxju ta dan u li dakinhar kien mar hu stess biex jara kienx qed jiġri hekk imma hu qal li ma rahomx jitolbu flus lin-nies.

Is-Sindku qal li fil fehma tiegħu Stephen Petroni mexxa tajjeb ħafna fejn daħlet l-eżebizzjoni u anki r-reanactment li sar il-Ħadd. Dakinhar tal-Ħadd kien hemm ukoll l-Arloġġ tal-Mtarfa li kien miftuħ għal pubbliku, is-Sindku semma li kien hemm madwar 180 ruħ li mhumiex residenti tal-Mtarfa li żaru l-Arloġġ.

## 6. KORRISPONDENZA

### 6.1 Korrispondenza mis-Sindku

Is-Sindku semma li parti mill-bini li hemm maġenb id-Dar tax-Xjuħ se tiġi devoluta lid-Dar tax-Xjuħ. Is-Sindku semma li hemm bżonn li jkun hemm parkeġġ peress li bħalissa m hemmx faċilita tajba għalih. Huwa semma biex meta aħna nkunu infurmati li se jkun hemm Board Meeting dwar din il-ħaġa nitilgħu biex nagħtu l-opinjoni tagħna.

Is-Sindku tkellem ukoll dwar diversi affarijiet li huma propjeta tal-Kunsill biex dawn jkunu mniżżla fl-insurance f kaz li jinqala xi ħaġa. Fost dawn hemm imsemmi il-gazibo tal-injam u diversi bankijiet u street furniture oħra li huma propjeta tal-Kunsill. Is-Sindku semma wkoll f dan il-każ fuq il-bżonn li jsir l-inventarju tal-affarijiet kif suppost. Is-Sindku semma biex ir-Reġsitru tal-Ilmenti li hemm il-Kunsill jinżamm aġġornat u l-ilmenti li jidħlu jinkitbu kollha fih. Huwa semma wkoll biex issir lista kull xahar li fiha tinkludi l-korrispondenza li tidħol bħala posta.

Is-Sindku qal lis-Segretarju biex jibdew issiru listi tal-ittri li jaslu l-Kunsill u biex dawn jitniżżel is-suġġett tagħhom. Tkellem ukoll fuq ir-reġistru tal-complaints biex dan dejjem ikun aġġornat. Is-Segretarju ippreżenta file li jinżamm il-Kunsill fejn fih jitniżżlu wkoll l-ilmenti li jidħlu ġurnata b' ġurnata.

Is-Sindku irċieva wkoll ittra fuq inċident li kien ġara ġewwa l-Mtarfa fejn tifel waqa min fuq irdum pero ma weġġax. Il-Kunsill iddiskuta fuq il-post fejn sar l-inċident biex

issir prekawzzjoni u ma jerġax issir inċident simili. Il-Viċi Sindku semma li diġa qed jittieħdu passi sabiex issir il-prekawzzjoni. Huwa qal li diġa inxtraw xi pipes biex magħhom jitwaħħal il-fence. Il-Kunsillier Antoine Vella semma li peress li l-post fejn sar l-inċident hemm veduta sabiħa, tkun ħasra li dan jingħalaq b' fence u għalhekk ġie suġġerit biex minflok issiru pipes orizzontali minflok fence biex jiġi preservat il-veduta. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u ssuġġerixxa li tiġi kkuntatjatta din il-persuna u tingħata briefing.

Is-Sindku semma biex tinkiteb ittra lil Awtorita tad-Djar sabiex jiġu akkwistati pjanti tal-Clubhouse li juru min fejn hu għaddej id-dawl u kommunikazzjonijiet oħra sabiex ikun jista jiġi irranġat f każ li jinqala xi problema.

Is-Sindku semma li saret laqgħa mal-perit Julian biex jagħti spjegazzjoni tar-rapport tat-toroq. Ir-rapport kien sar fuq tlett toroq li huma Triq Kavallier Vincenzo Bonello, Triq Mikiel Fsadni u Triq Joseph S Calleja. L-ispiża ta dawn it-toroq ġiet stmata li bħala xogħol tinqala t-triq i jsir resurfacing u ma tinbenix mill-ġdid. L-ispiża għal Triq Mikiel Fsadni ġiet stmata madwar € 40,898.55 + € 3,370 (servizzi). L-ispiża għal Triq Joseph S Calleja stmata madwar € 13,717.20 + € 1,025 (servizzi) u Triq Kavallier Vincenzo Bonello madwar € 200,025.00 + € 14,820 (servizzi). Is-Sindku spjega kif irrid issir ix-xogħol u anki ta breakdown tad-diversi fażijiet u kif dan għandu jsir tajjeb. Is-Sindku qal li l-istat li tinsab fih Triq Kavallier Vincenzo Bonello jeħtieġ li din terġa tinbena mill-ġdid u għalhekk l-ispiża titla ħafna aktar min dik imsemmija hawn fuq. Huwa qal ukoll li mill-allokazzjoni li ngħata dan il-Kunsill mhux possibli li jidħol għal din il-biċċa xogħol u anki rigward it-toroq l-oħra trid issir konsiderazzjoni tajba.

Is-Sindku semma wkoll biex tinkiteb ittra lil Lands Department u lil Education rigward l-iskola Sir Temi Zammit peress li din kienet sptar militari qabel ma serviet bħala skola. Huwa qal li hemm il-pjanijiet biex l-iskola fi żmien sentejn tispiċċa min fejn qiegħda u dan il-post jerġa jiġi vakanti. Din l-ittra se tkun qed tesprimi l interess li l-Kunsill għandu biex din tiġi devoluta lilu u ma jiġrix kif ġara fil-każ tal-binjiet l-oħra li hemm relatatti mal-kumpless. Kien hemm talba ukoll għad devoluzzjoni tal-water tank.

Tkellem ukoll fuq il-każ tal-parkeġġ ta Binja Qlejgħa. Huwa qal li l-Avukat Mifsud se jkun qed jippreżenta ċitazzjoni il-Qorti biex ikun jista jiftaħ il-kawża. Dan se jiġri peress li hu kien kitbilhom imma huma naqsu milli jwieġbu għal ittra tal-avukat.

Is-Segretarju saqsa lis-Sindku fuq tlett ittra li waslu mingħand Mtarfa FC. Waħda min dawn kienet waslet f' Diċembru 2009 u huma bagħtu reminder fuqha. F din huma talbu biex jingħataw għajnuna rigward il-ground tal-football. F' ittra oħra li ntbgħatet f' Mejju huma talbu li jingħataw rikonoxenza mill-Kunsill bħala l-uniku team li jirrapreżenta l-Mtarfa u f' oħra huma saqsew lil Kunsill jekk issibx oġġezzjoni biex jinfetaħ bar. Fuq l-ewwel ittra is-Sindku wieġeb li dawn ma jistgħux jingħataw għajnuna u fuq iż-żewġ talbiet l-oħra li ma jsib l ebda oġġeżżjoni.

Is-Sindku għan nom tal-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv għar-riżenja tiegħu. Ir-raġuni ma ngħatatx waqt il-laqgħa b rispett lejn is-Segretarju. Is-Sindku semma li s-Segretarju se jerġa jitpoġġa lura fil-Pool tas-Segretarji Eżekuttivi. Wara dan issir ittra tar-reżenja biex b' hekk ikunu jistgħu jinbdew l-intervisti għal post ta Segretarju Ezekuttiv.

### 8.2 Korrispondenza mill-Kunsillier Anatole Scerri Diacono

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono semma li avviċinawh xi persuni tal-Melita li huma lesti li jagħti s-somma ta € 1800 biex ikunu jistgħu jwaħħlu l-antenni tat-telefonija ma Binja Buqana.

Huwa semma wkoll li hemm xi nies li joqogħdu fil-Binjiet li huma interessati li jitwaħħlu dawn l-antenni fuq il-Binjiet tagħhom. Dawn huma dawk li joqogħdu f' Binja Buqana B u C. Huwa qal li għandha issir laqgħa bejn ir-residenti u kien tal-parir biex din tiġi deċiża bejniethom.

Huwa saqsa wkoll fiex kienet waslet l-applikazzjoni għal traffic lights li saret fi Triq il-Maltin Internati u Eżiljati. Is-Segretarju wieġeb li s' issa kien għadu ma wasalu xejn u kien tal-parir li terġa tinkiteb ittra lil Malta Transport fuq dan il-każ.

## 7. AĠĠORNAMENTI U XOGĦOLIJIET

Is-Sindku saqsa lis-Segretarju fuq il-proġett għad dawl li kellu jsir fuq il-Monument tal-Ex fire Station biex jara dan fiex kien wasal. Is-Segretarju wieġeb li malli jingħata data mill-ħaddiema tal-gvern meta jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol huwa jipproċedi. Huwa semma wkoll biex quddiem il-Monument issir hedge bil-ħaxix biex iżejjen l-area.

Issemma wkoll biex inkellmu lil tas-Sanita biex l area ta madwar Dar il-Kaptan u Ġnien is-Sinjura jingħataw il-velenu minħabba l-ġrieden u l-wurdien.

Is-Sindku semma biex inġibu site plan mingħand il-MEPA biex fuqha jiġu immarkati l-konfini tal-Mtarfa. Din hija ta bżonn kbir għalina.

Semma wkoll biex naraw daqsxejn fiex waslu t-talbiet għad devoluzzjonijiet ta bini li hemm ġewwa l-Mtarfa. Barra min dan huwa ssuġġerixxa biex tinkiteb ittra li turi li l-Kunsill għandu interess biex meta l-iskola Sekondarja ma tibqax tintuża din tiġi devoluta lil Kunsill. Din l ittra trid tinkiteb lil Education u Lands Division.

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono semma wkoll biex issir talba lil Lands biex naraw jekk hemmx xi garaxxijiet li jistghu jinxtraw mill-Kunsill Lokali biex jintużaw għal bżonnijiet li għandu dan il-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillier Antoine Vella semma fuq l-area li hemm madwar l-iskola li hemm bżonn li tiġi refurbished. Fost ix-xogħol li hemm bżonn issir huwa semma li għandu bżonn jiġi mkaħħal u miżbugh il-ħajt. Semma ukoll li hemm xi ħofor fit-triq li irridu jiġu patched. Il-ħamrija li hemm f din iż-żona tiġi wkoll irranġata bħala soft area u jkun hemm embellishment tal-post in ġenerali.

Il-Kunsillier Antoine Vella semma wkoll biex jitħawwlu siġar taż-żebbuġ fl area magħrufa bħala tal-Karnival. Is-Sindku wieġeb li biex jitħawwlu dawn is-Siġar l-ewwel irridu jiġu mressqin il-bandli min fejn qegħdin bħalissa għal din iż-żona bħala bandli uniċi biex qabel ma jitħawwlu s-siġar l-ewwel ikun hemm ippjanar aħjar.

Is-Sindku semma li bħalissa qed tintalab laqgħa mal-Ministeru tar-Riżorsi rigward il-bandli biex naraw kif se jkun ikkordinat ix-xogħol tiegħu. F dan il-każ jekk ma jkunx hemm għajnuna mil-Ministeru tar-Riżorsi irridu jsiru t-tenders lejn l-aħħar t' Awwissu u nġibu l-offerti li hemm bżonn.

Il-Viċi Sindku saqsa fuq Triq Gregorio Carafa jekk kienx sar xi progress fuq l-applikazzjoni tal-one way li saret. Huwa semma wkoll li sar xogħol fuq il-gazibo ta Triq Ħażnet l-Ilma. Qed issir xogħol fuq tinda tal-injam u l-bankijiet li hemm madwarha li tinsab fi Ġnien is-Sinjura. Inxtraw belusha globes li se jitwaħħlu fejn zebra cross li hemm fi Triq l-Mtarfa. Il-Viċi Sindku semma wkoll li se jsiru dwal għal matul il-lejl fi Triq Ġnien Sir Leslie Rundle. Kien hemm applikazzjoni biex issir fanal fi Triq Prosperina

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono semma li fuq il-ħajt li hemm fejn kien hemm l-ispiżerija fi Triq l-Orkidea il-MEPA kienet qalet biex dan jibqa kif inhu u ma jintmissx.

## 8. GĦELUQ IL-LAQGĦA

Il-laqgħa ġiet fi tmiema l-Ħamis 24 ta' Ġunju 2010 fl-għaxra u nofs ta filgħaxija (10.30 p.m.).

Dwar id-data tal-laqgħa li ġejja ma kienx hemm qbil fuq il-ġurnata u għalhekk din ha tkun komunikata aktar il-quddiem.

**Michael Portelli**
**Segretarju Ezekkutiv**

**Anthony Mifsud**
**Sindku.**